**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 40**

It-Tlieta, 1 ta' Novembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.01 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

L-Onor. Omar Farrugia* u l-Onor. Joe Giglio kien skużat.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul u ~~l-Onor. Omar Farrugia~~* kienu assenti**.**

**Vide Minuti tas-Seduta 43 tat-Tnejn 7 ta' Novembru 2022.*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 39 li saret fil-31 ta' Ottubru 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 761 Rapport tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni Parlamentari għall-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa għar-Raba' Sessjoni tal-2022, magħmula mill-Onor. Naomi Cachia, l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Cressida Galea u l-Onor. Chris Said li nżammet fi Strasburgu bejn l-10 u l-14 ta' Ottubru 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 1918 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 762 Tabella li turi tagħrif dwar it-tipi ta' fuels li ntużaw fl-Isptar Monte Carmeli u Sir Paul Boffa bejn l-2013 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3437; u

f'isem il-Prim Ministru, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 763 Riżultat tal-Elezzjoni Każwali ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għall-Għaxar Distrett Elettorali li saret fit-28 ta' Ottubru 2022.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 764 Pjanti tal-Imsida Creek maħruġa minn Infrastructure Malta datati Ottubru 2019, 22 viżwali fotografiċi tal-proġett u dokument bl-isem 'Msida Creek, road scheme upgrade assessment' maħruġ minn Crowdnet datat Frar 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3324.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapiża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 765 Informazzjoni dwar konsorzji li ġew short-listed għall-Waste-to-Energy plant fil-Magħtab, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3175.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 766 Tagħrif dwar CEOs impjegati fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1970;

P.L. 767 Tagħrif dwar in-numru ta' reviżjonijiet parzjali tal-local plans li saru mill-Awtorità tal-Ippjanar maqsuma skont il-lokalità fis-snin bejn l-2013 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3427; u

P.L. 768 Tabella li turi tagħrif dwar applikazzjonijiet li jikkonċernaw il-Palazz ta' Selmun, is-Selmun Palace Hotel u l-Fortizza Campbell, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3452.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

## 1. MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2023 - IT-TIENI JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-GVERN - MOZZJONI 76

Il-Kamra rriżumiet mill-31 ta' Ottubru 2022 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2023.

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-*Public Broadcasting Services* (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta b'mod dirett fuq it-televiżjoni. Id-diskors tal-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali għal persuni neqsin mis-smigħ.

L-Ispeaker informa li skont il-Mozzjoni Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022 id-diskors kellu jkun eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi skont l-Ordni Permanenti Nru 49, u li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jkun fit-8.30 p.m.
L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Skont ftehim milħuq il-media ngħatat permess sabiex tiġbed ritratti u filmati għal ftit minuti.

Fis-6.34 p.m. il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 769 Tagħrif maħruġ mill-Eurostat dwar 'Immigration by age group, sex and citizenship' datat 30 ta' Marzu 2022; u

P.L. 770 Tagħrif maħruġ mill-Eurostat dwar 'Emigration by age group, sex and citizenship' datat 30 ta' Marzu 2022.

Fit-8.38 p.m. il-Prim Ministru temm id-diskors tiegħu u l-Ispeaker irringrazzja lill-crew tat-televiżjoni tal-PBS u talabhom jirtiraw.

Fit-8.39 p.m. meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 76 kif imressqa u moqrija mill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol fl-24 ta' Ottubru 2022 biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2023, intalbet votazzjoni, u skont il-Mozzjoni Numru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022 il-Kamra ġiet sospiża għal ħames minuti.

Fid-8.45 p.m. il-Kamra rriżumiet u meta l-Ispeaker reġa' qiegħed il-mistoqsija fuq il-Mozzjoni Nru 76, reġgħet intalbet votazzjoni.

Il-Kamra vvotat hekk:

**VOTAZZJONI NRU 14** **ĦIN: 8.47 p.m.**

**FAVUR: 42**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Ian
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Falzon Michael
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward

Camilleri Clint
Caruana Clyde
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA 34**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
de Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

Il-mozzjoni għaddiet.

**(Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022)**

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI - ABBOZZ NRU 1**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

L-Onor. Amanda Spiteri Grech issekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217" inqara t-tielet darba u għadda.

**3. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR L-ESPLOŻIVI U L-LIĠIJIET VARJI DWAR IL-PROTEZZJONI ĊIVILI - ABBOZZ NRU 8**

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza Dwar l-Esplożivi u l-Liġijiet Varji dwar il-Protezzjoni Ċivili.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor Julia Farrugia Portelli, issekondat.

Fit-8.47 p.m. meta l-Ispeaker qiegħed il-mistoqsija fuq it-Tielet Qari ta' l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza Dwar l-Esplożivi u l-Liġijiet Varji dwar il-Protezzjoni Ċivili, huwa informa lill-Kamra li skont l-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Abbozz ta' Liġi kient jeħtieġ l-approvazzjoni ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra. Għaldaqstant qabel jiddikjara jekk it-Tielet

Qari ta' dan l-Abbozz għaddiex, l-Ispeaker qal li kien jeħtieġ li jaċċerta ruħu li mill-inqas 53 Membru tal-Kamra kienu favur din il-mozzjoni u li f'dan ir-rigward kien se jitlob lill-Membri biex jiddikjaraw il-vot tagħhom bis-sistema tal-vot elettroniku. Huwa informa wkoll lill-Kamra li peress li dan ma kienx eżerċizzju ta' division, waqt li l-Membri jkunu qed jagħmlu l-għażla tagħhom, il-bibien mhux se jingħalqu.

Il-Membri tal-Kamra ddikjaraw ruħhom hekk:

**Favur: 76**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Ray
Abela Robert
Agius Chris
Agius David
Agius Galea Malcolm Paul
Aquilina Karol
Attard Jonathan
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Azzopardi Tanti Keith
Baldacchino Zarb Romilda
Bartolo Clayton
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bedingfield Glenn
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Alex
Borg Ian
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Buttigieg Rebecca
Cachia Naomi
Callus Ryan
Camilleri Abigail
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Carabott Darren
Caruana Clyde
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Battista Randolph
De Giovanni Katya
de Marco Mario
Debattista Deo
Delia Adrian
Falzon Michael
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Fenech Adami Beppe
Galdes Roderick
Galea Cressida
Galea Graziella
Grech Bernard
Grima Clifton
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Muscat Alex
Refalo Anton
Said Chris
Sammut Mark Anthony
Sammut Hili Davina
Schembri Justin
Schembri Silvio
Spiteri Stephen
Spiteri Grech Amanda
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley
Zammit Lewis Edward
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

Wara li kien aċċertat li n-numru ta' Membri favur il-mozzjoni ma kienx inqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, l-Ispeaker iddikjara li l-mozzjoni kienet approvata skont l-Artikolu 66 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**AĠĠORNAMENT**

Fid-8.50 p.m. id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 2 ta' Novembru 2022, fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

1. **Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista**

   **L-Ewwel Seduta Stabbilita - Ministeru għas-Saħħa**

   Vot 12 - Ministeru għas-Saħħa
   Vot IV - Ministeru għas-Saħħa - Kapital

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022, il-ħin tad-diskussjoni fuq dan il-Ministeru kellu jieħu mhux aktar minn tliet sigħat bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Huwa informa wkoll lill-Kamra li din is-seduta għandha tkun mingħajr mistoqsijiet, u li l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fit-8.51 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 84 tal-25 ta' Ottubru 2022.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**